*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn u A. Steiblytė, aġenti), Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (rappreżentanti: J. King u M. Fernández Rupérez, aġenti, assistiti minn B. Meyring, S. Schelo, F. Fernández de Trocóniz Robles, T. Klupsch u S. Ianc, avukati)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuti:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: L. Aguilera Ruiz u J. Rodríguez de la Rúa Puig, aġenti), Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: P. López-Carceller, M. Martínez Iglesias, L. Visaggio, J. Etienne, M. Menegatti u M. Sammut, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. de Gregorio Merino, J. Bauerschmidt, H. Marcos Fraile u A. Westerhof Löfflerová, aġenti), Banco Santander, SA (Santander, Spanja) (rappreżentanti: J. Rodríguez Cárcamo, A. Rodríguez Conde, D. Sarmiento Ramírez-Escudero u J. Remón Peñalver, avukati)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tas-sessjoni eżekuttiva tas-SRB, tas-7 ta' Ġunju 2017, dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246 tas-7 ta' Ġunju 2017 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español S.A. (ĠU 2017, L 178, p. 15).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Aeris Invest Sàrl hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) u Banco Santander, SA.

3) Ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(1) ĠU C 374, 6.11.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2022 – Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm – pagamenti ta' esklużività)**

**(Kawża T-235/18)** (1)

***("Kompetizzjoni – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Suq taċ-chipsets LTE – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE – Pagamenti ta' esklużività – Drittijiet tad-difiża – Artikolu 19 u Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Effetti ta' esklużjoni")***

(2022/C 294/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Qualcomm Inc. (San Diego, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Pinto de Lemos Fermiano Rato, M. Davilla u M. English, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Khan, A. Dawes u C. Urraca Caviedes, aġenti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 240 final, tal-24 ta' Jannar 2018, li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Il-Każ AT.40220 – Qualcomm (Pagamenti ta' Esklussività)), li permezz tagħha l-Kummissjoni kkonstatat li r-rikorrenti kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha mill-25 ta' Frar 2011 sas-16 ta' Settembru 2016 u imponitilha multa ta' EUR 997 439 000.

**Dispożittiv**

1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 240 final, tal-24 ta' Jannar 2018, li jirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Il-Każ AT.40220 – Qualcomm (Pagamenti ta' Esklussività)) hija annullata.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 190, 4.6.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Ġunju 2022 – Ir-Renju Unit u ITV vs Il-Kummissjoni**

**(Kawżi magħquda T-363/19 u T-456/19)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat – Skema ta' għajnuna implimentata mir-Renju Unit favur ċerti gruppi multinazzjonali – Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u illegali u li tordna l-irkupru tal-għajnuna mħallsa – Deċiżjonijiet tat-taxxa (tax rulings) – Sistema fiskali relatata mal-finanzjament tal-gruppi u li tirrigwarda b'mod partikolari l-kumpanniji kkontrollati minn barra l-pajjiż – Vantaġġi fiskali selettivi")***

(2022/C 294/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti fil-Kawża T-363/19:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u ITV (rappreżentanti: F. Shibli u S. McCrory, aġenti, assistiti minn P. Baker, QC, u T. Johnston, barrister)

*Rikorrenti fil-Kawża T-456/19:* ITV plc (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Lesar, solicitor, u K. Beal, QC)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, S. Noë u B. Stromsky, aġenti, assistiti fil-Kawża T-456/19 minn M. Clayton u M. Segura Catalán, avukati)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti fil-Kawża T-456/19:* Ir-Renju Unit (rappreżentanti: F. Shibli u S. McCrory, aġenti, assistiti minn P. Baker, QC, u T. Johnston, barrister), LSEGH (Luxembourg) Ltd (Londra), London Stock Exchange Group Holdings (Italy) Ltd (Londra) (rappreżentanti: A. von Bonin, O. Brouwer u A. Pliego Selie, avukati)

**Suġġett**

Talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1352 tat-2 ta' April 2019 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit dwar l-Eżenzjoni mill-Finanzjament tal-Gruppi ta' CFC (ĠU 2019, L 216, p. 1).

**Dispożittiv**

1) Il-Kawżi T-363/19 u T-456/19 huma magħqudin għall-finijiet ta' din is-sentenza.

2) Ir-rikorsi huma miċħuda.

3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, fil-Kawża T-363/19.

4) ITV plc għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni, fil-Kawża T-456/19.